C/2026/5037

30.9.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12401 – SUN TRINITY / MHCCE / BRUC JAPAN / BRUC JAPAN 2)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/5037)

1. Fil-21 ta' Settembru 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sun Trinity LLC. ("Sun Trinity", il-Ġappun), ikkontrollata minn Sumitomo Corporation (il-Ġappun),

— Mitsubishi HC Capital Energy Inc. ("MHCCE", il-Ġappun), ikkontrollata minn Mitsubishi HC Capital Co., Ltd. (il-Ġappun),

— BRUC Japan KK ("BRUC Japan", il-Ġappun), li bħalissa hija fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn OPSEU Pension Plant Trust Fund ("OPTrust", il-Kanada), u

— BRUC Japan 2 KK ("BRUC Japan 2", il-Ġappun), li bħalissa fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn OPTrust (il-Kanada).

Sun Trinity u MHCCE se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt sħiħ ta' BRUC Japan u BRUC Japan 2.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Sun Trinity tiżviluppa u topera impjanti tal-enerġija solari fil-Ġappun, u tbigħ l-elettriku ġġenerat lill-klijenti skont il-Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija,

— MHCCE tispeċjalizza fl-iżvilupp u t-tħaddim ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-enerġija solari, l-enerġija mir-riħ, u s-sistemi għall-ħżin tal-enerġija tal-batteriji ("BESS") fil-Ġappun,

— BRUC Japan u BRUC Japan 2 jiżviluppaw, jippossjedu u joperaw assi fotovoltajċi fil-Ġappun u huma attivi fil-produzzjoni u l-provvista bl-ingrossa tal-elettriku solari esklussivament fil-Ġappun.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12401 — SUN TRINITY / MHCCE / BRUC JAPAN / BRUC JAPAN 2

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË